MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2006

Citazzjoni Numru. 56/2006

**Vittoria sive Victoria Mercieca**

**-vs-**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat ta’ l-attrici fejn ippremettiet illi hija dejjem kitbet isimha Victoria, hekk kif jista’ jigi dedott minn diversi dokumenti ta’ identifikazzjoni bhal credit cards u dokumenti ohra ta’ identifikazzjoni fosthom il-karta ta’ l-identita’ hawn annessa u mmarkata Dok AF1.

Illi c-certifikat tat-twelid kif irregistrat fir-Registru Pubbliku b’registrazzjoni numru 2656/1957 li qed jigi hawn mehmuz u mmarkat Dok AF2 juri isem ir-rikorrenti miktub bhala Vittoria minflok Victoria;

Illi fuq il-karta tal-maghmudija taghha hemm miktub isimha bhala Victorina Carmen Maria Assunta Mercieca (ara Dok AF3).

Illi l-attrici tixtieq tikkoregi dan l-izball li jinsab fuq ic-certifikat tar-registru pubbliku billi isimha jkun jinkiteb bl-istess mod f'kull dokument pubbliku u dan stante illi jistghu jinholqu inkongruwenzi meta tipproduci l-passaport Malti flimkien mad-dokumenti bankarji fl-esteru.

Talbet li din il-Qorti joghgobha prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. tawtorizza l-korrezzjoni u r-registrazzjoni fic-certifikat tat-twelid skond il-provvedimenti ta' l-artikolu 253 tal-Kodici Civili, sabiex isem il-mittenti jinkiteb VICTORIA.

2. tordna illi l-bdil effettwat fl-att tat-twelid bir-registrazzjoni msemmija jigi rifless f'kull att ta' l-istat civili relattiv tal-mittenti, jekk ikun il-kaz u dan skond l-Artiklu 253(3) tal-Kapitlu 16 tal-Ligiijiet ta' Malta.

Il-konvenut huwa minn issa mharrek sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi u l-atti kollha tal-kawza.

Smeghet lill-attrici fis-seduta ta' l-14 ta' Lulju 2006 tikkonferma bil-gurament taghha r-rikors promutur.

Il-Qorti;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tawtorizza l-korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid numru elfejn sitt mija u sitta u hamsin tas-sena elf disa' mija u sebgha u hamsin (2656/1957) skond il-provvediment ta' l-Artiklu 253 tal-Kodici Civili, sabiex isem il-mittenti jinkiteb **VICTORIA.**

L-ispejjez fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------